Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 357 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Priscilla Lee Caruana

Vs

Omissis

Omissis

Joseph Azzopardi

Omissis

Omissis

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Joseph Azzopardi detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 427986 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Omissis, Omissis u Joseph Azzopardi akkuzati talli fil-kapacita taghhom personali u / jew fil-kapacita' taghhom ta' diretturi ta' Valhmor Borg (Import / Export) Limited, kif ukoll lil Omissis fil-kapacita' tieghu ta' Manager u / jew Warehousing and Distribution Officer u Omissis fil-kapacita' tieghu

peronsali u / jew ta' xufier fl-istess kumpanija nhar is-27 ta' Lulju, 2015 matul il-gurnata ghall-habta tal-17:15 hrs gewwa l-istabbiliment ta' Valhmor Borg Warehouse, sitwat Xatt ta' Pinto, Floriana naqsu, billi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga' gravi Firuze Firuze jew ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u dan ai termini tal-Art. 226 (1) (a) 216 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kif ukoll Omissis, Omissis, Joseph Azzopardi u Omissis akkuzati wahedhom u dan fuq talba tal-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-Xoghol talli fl-istess zminijiet, u / jew fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi naqsu milli jharsu s-Sahha u Sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li setghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-artikoli 6 (1) (2) ta' Att 27/2000 Kap 424.

3. Filwaqt li Omissis akkuzat wahdu talli fil-kapacita' tieghu personali u / jew ta' xufier fl-istess kumpanija fl-istess zminijiet u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi naqas milli jhares is-Sahha u s-Sigurta' tieghu, kif ukoll tal-persuni li setghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragonevolment prattiku u dan ai termini tal-artikolu 7 (1) tal-Att 27 / 2000 Kap. 424.

F' kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta ma Omissis u Omissis li rrendew ruhhom recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienu nstabu hatja ta' reati, sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Lulju, 2017, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputati Omissis, Omissis,

Joseph Azzopardi u Omissis hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minnhom tilliberahom u fuq ammissjoni sabet lill-imputat Omissis hati tat-tielet imputazzjoni u wara li rat artikolu 7 (1) ta' l-Att 27 / 2000 Kap 424 ikkundannatu hames mitt ewro multa (€500).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 t' Awwissu, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli sabiex **tirriforma s-sentenza** billi:

- **tikkonferma s-sejbien ta' ħtija ta' Daniel Aquilina** għal dak li jirrigwarda it-tielet akkuża kif dedotta fl-akkużi miġjuba f' dan il-każ **flimkien mal-piena kif mogħtija fil-konfront tiegħu**;

- **tikkonferma l-liberatorja ta' Anthony Azzopardi, Charles Azzopardi u Ivan De Giovanni fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkużi miġjubin kontrihom**;

- **tikkonferma l-liberatorja ta' Joseph Azzopardi għal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu**,

- u **tirrevokha fil-bqija** fejn **fir-rigward tat-tieni akkuża ssib ħtija fil-konfront ta' Joseph Azzopardi** u tinfliġġi piena idoneja skond il-liġijiet applikabbli fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita, għamlet misinterpretazzjoni tal-liġi u tal-provi meta lliberat lill-imputat Joseph Azzopardi mit-tieni akkuża kif miġjuba kontra tiegħu.

Illi preliminarjament l-appellant Avukat Ġenerali jissottometti għal kull buon fini li dan l-appell jittratta limitatament il-liberatorja mit-tieni akkuża miġjuba kontra l-appellat Joseph Azzopardi. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuża li jinkwadra ruħu fil-Kodiċi Kriminali, l-appellant m'għandux jedd tal-appell skond l-artikolu 413(1)(b) u dan peress li essendo kawża sommarja ab initio, ma jistax isir appell fuq il-mertu tal-każ. Għal dak li jirrigwarda l-liberatorja ta' Anthony u Charles Azzopardi u Ivan De Giovanni kif ukoll is-sejbien ta' ħtija ta' Daniel Aquilina din qed tiġi kkonfermata mill-Avukat Ġenerali.

Illi l-ewwel qabel kollox, l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li filfatt ġiet ikkwotata u interpretata mill-ewwel Qorti, jittratta ir-responsabbilta vikarja fil-kumpaniji u jiddisponi illi persuna tkun meqjusa bħala responsabbli kriminalment jekk fil-ħin tar-reat allegat, ikun x'ikun dan ir-reat, hi 'kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet qed tidher li taġixxi f'dik il-kariga…'. Dan kwindi jfisser li r-responsabbilta tinkorri fuqhom anki jekk ma jkunux huma personali li kkomettew ir-reat materjalment.

Illi di piu skond il-Kapitolu 424 li huwa l-att relevanti għal dawn il-proċeduri u dan l-appell, l-artikolu 2 li hija d-disposizzjoni interpretattiva tal-istess Att tiddefinixxi '*minn iħaddem*' bħala '*il-persuna li għaliha jsir ix-xogħol jew jiġi mogħti s-servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma ħaddiem u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat li jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizz*'. Din id-disposizzjoni tkompli biex tispjega d-distinzjoni ai fini ta'

responsabbilta' ġuridika ta' fejn ikollok xogħol b'kuntrattur jew subkuntrattur kif hawn fuq indikat li teżonera r-responsabbilta' kriminali fil-konfront ta' diretturi u *managers* fost oħrajn f'każijiet speċifiċi filwaqt li meta jitratta organizazzjonijiet kollha oħra inkluż dawk volontarji, diretturi u managers fost karigi oħra jitqiesu responsabbli kriminalment u jinkludi '*kull waħda mill-persuni li tidderiġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġġija ta' kuljum*[1]'.

Skond l-ewwel Qorti il-prova tal-kapiċita' tas-sinjuri Azzopardi u De Giovanni ma nġagħbitx fir-rigward ta' l-ebda wieħed mid-diretturi/managers fil-kumpanija in kwistjoni u b'hekk il-Qorti waqfet hemmhekk u ma kelliex għalfejn tanalizza jekk filfatt skond l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249, dawn il-persuni ppruvawx o meno li r-reat adebitat lilhom ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħhom **u** li jkunu eżerċitaw id-diliġenża kollha adegwata sabiex dan ir-reat jiġi evitat.

Illi mill-qari tal-atti proċesswali kollha filwaqt li l-esponent jista jaqbel ma din il-konklużjoni fir-rigward tas-Sinjuri Anthony u Charles Azzopardi u Ivan De Giovanni peress li ma nġagħbitx din il-prova, ma jistax jaqbel ma din il-konklużjoni għal dak li jirrigwarda lil Joseph Azzopardi. Hawnhekk l-esponent titlob li din il-Qorti tagħmel referenza għall-inkjesta maġisterjali konċernanti dan il-każ u li ġie eżebit in atti[2] fejn mill-qari tal-istess, partikolarment mix-xhieda li ddeponew bil-ġurament tagħhom u skond il-liġi quddiem l-espert maħtur Joseph Zammit, huwa ċar daqs il-kristall li Joseph Azzopardi li xehed bil-ġurament tiegħu quddiem dan l-espert fit-28 ta' Lulju 2015, jiddikjara fil-bidu tat-testimonjanza tiegħu, illi hu għandu l-kariga ta' 'General Manager ta' Valhmor Borg Imports and Exports Malta'[3]. Dan indubjament kemm ai termini tal-artikolu 13 tal-Kap 249 kif ukoll skond d-definizzjoni ta' min iħaddem li hija relevanti taħt l-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta jitqies allura bħala konferma tar-responsabbilta' ġuridika ta' dan

---

[1] Subartikolu (b) tal-artikolu 2 taħt l-interpretazzjoni tal-frażi 'minn iħaddem'.
[2] Folio 18 et seq tal-atti proċesswali.
[3] Folio 84 tal-Atti proċesswali.

l-appellat ai finijiet u għall-effetti kollha tal-liġi. Huwa minnu li allavolja dawn kienu disponibbli għall-prosekuzzjoni u għall-Qorti, kif indikat il-Qorti fis-sentenza tagħha ma ġewx eżebiti dokumenti tal-MFSA li jikkonfermaw dan il-fatt iżda l-prova ddikjarata minn Joseph Azzopardi fix-xhieda tiegħu matul l-inkjesta ma tistax tiġi skartata konsiderando li l-appellat in kwistjoni xehda bil-ġurament tiegħu, liema prova ġiet ikkonfermata fil-Qorti u li għandha validita' sħiħa u legali skond l-artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali tagħna. Kwindi jidher ċar li prova dwar il-kariga tas-Sur Joseph Azzopardi essenzjalment tirriżulta fl-atti proċesswali ta' dan il-każ u għaldaqstant għal dak li jirrigwarda lilu biss l-ewwel Qorti setgħet tipprosegwi li tanalizża jekk filfatt hemmx responsabbilta' kriminali ulterjuri u skond il-liġi fir-rigward tiegħu.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suċċipit jekk induru biex naraw il-mertu tal-każ għal dak li jirrigwarda din ir-responsabbilta' jidher mill-provi li jirriżulta ksur tal-artikolu 6(1) u (2) tal-Kapitolu 424 mertu tal-akkużi miġjuba. L-ewwel nett m'hemm l-ebda dubbju li Daniel Aquilina li kien qed jopera l-forklifter u l-vittma Firuze Firuze kienu ħaddiema impjegati ta' Valhmor Borg u li l-inċident mertu ta' dan il-każ seħħ matul il-ħin tax-xogħol u waqt l-operat tax-xogħol. Filfatt l-istess Aquilina ikkonferma r-responsabbilta' tiegħu ai termini tal-artikolu 7 tal-istess Kap 424 fejn hu kkonferma tramite l-abbli difensur tiegħu, li naqas jieħu ċertu salvagwardji kemm għaliħ innifsu kif ukoll għal ħaddieħor. Għaldaqstant m'hemm l-ebda dubbju anqas illi kienet fir-responsabbilta' ta' Joseph Azzopardi fost oħrajn li '*jassikuraw is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem*', inkluż allura l-vittma u Daniel Aquilina.

Illi kif ser jirriżulta mix-xhieda ta' David Galea li kien xehed fil-kapaċita' tiegħu ta' Engineer u għan-nom tal-prosekuzzjoni nhar il-21 ta' Lulju 2017 u liema xhieda ma ġietx traskritta essendo kawża sommarja *ab initio*, jidher li għal dak li jirrigwarda it-taħriġ mogħti lil Daniel Aquilina fl-użu ta' Forklifter dan ma kienx suffiċjenti għal

mod u għall-estent ta' kif il-Forklifter kien qed jiġi adoperat minn Aquilina fuq il-post tax-xogħol. Huwa minnu li Aquilina kien akkwista ċertifikat ta' taħriġ fl-użu tal-Forklift iżda meta wieħed jara dak li kien ikopri dan il-kors dan ma kienx jinkludi l-operat ta' forklift b'gaġġa fuqha, speċjament jekk ikun hemm in-nies ġo fiha. Dan infatti jirriżulta ċar mir-rapport redatt mix-xhud imsemmi senjatament fit-tieni paġna tal-istess. Dan il-fatt ukoll kien inġieb a konjizzjoni tal-Maġistrat permezz tax-xhud fix-xhieda tiegħu *viva voce* u stante li meta' ġie mistħareġ il-kontenut ta' *training* li ngħata Aquilina, ma kienx jinkwadra fiħ l-operat ta' Forklifter b'gaġġa b'ħaddiem/a ġewwa u li dawn jiġu elevati. Apparti minn hekk l-istess rapport jindika illi l-gaġġa li kienet intużat minn Aquilina u li fiha kien hemm il-vittma ma kinitx ċertifikata[4]. Indubjament dawn il-verifiċi u aċċertazzjonijiet kienu fir-responsabbilta' tal-appellant Joseph Azzopardi fil-kariga li hu kellu. Di piu u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit il-fatt li l-ktajjen mal-forklift ma kienux intrabtu mal-gaġġa minn Aquilina kif kien suppost isir, u l-fatt li Aquilina assuma r-responsabiltajiet tan-nuqqasijiet tiegħu, f'ebda mod ma tnaqqas mir-responsabbilta' ta' Joseph Azzopardi tenut kont ta' disposizzjonijiet legali relevanti kif ukoll fid-dawl tan-nuqqasijiet hawn fuq esposti. Mill-qari tas-subartikolu (2) tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 li jispjega liema miżuri b'mod ġenerali għandhom jittieħdu minn min iħaddem għas-salvagwardji rikjesti skond is-subartikolu (1) tal-istess disposizzjoni, n-nuqqasijiet indikati jikkombaċu ma pratikament kull waħda mix-xenarji hemmhekk ipprospettati ħlief is-subparagrafu (ħ). Kwindi jekk din l-Onorabbli Qorti taċċetta r-responsabbilta vikarja ta' Joseph Azzopardi u fin-nuqqas ta' prova ulterjuri da parti tiegħu ai termini tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, liema prova ma ngagħbitx fl-ewwel Qorti fejn id-difiża ma telgħet l-ebda prova, hu għandu jinstab ħati għal dak li jirrigwarda t-tieni akkuża kif miġjuba kontra tiegħu.

Ikkunsidrat,

[4] Ara Dok DG1, DG2 u DG4 li ġew ippreżentati minn David Galea waqt is-seduta datata l-21 ta' Lulju 2017 (paġni fil-proċess mhux enumerati mill-Qorti).

Illi l-appell intentat mill-Avukat Generali huwa limitat ghal dik il-parti tad-decizjoni ipunjata fejn gie illiberat l-imputat Joseph Azzopardi mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Jishaq l-Avukat Generali illi mill-provi in atti u senjatament mix-xhieda moghtija minn Joseph Azzopardi, l-appellat, quddiem l-espert nominat fl-*in genere*, jirrizulta illi dan Azzopardi fiz-zmien l-incident mertu tal-kaz kien jokkupa l-kariga ta' General Manager mas-socjeta Valhor Borg Imports and Exports u ghalhekk kellha tirrizulta l-htija fil-konfront tieghu ghat-tieni imputazzjoni billi kuntrarjament ghal dak deciz mill-Ewwel Qorti, l-appellat kien il-persuna responsabbli fil-kapacita vikarja tieghu ghal haddiema fuq il-post tax-xoghol f'din il-kapacita. Kien jinkombi ghalhekk fuqu illi iressaq il-provi sal-grad rikjest minnu fil-kamp penali illi huwa ha dawk il-passi kollha mehtiega bl-uzu tad-diligena kollha fil-manzjonijiet lilu risposti sabiex jevita li isir xi forma ta' hsara lil haddiem tieghu.

Issa l-abbli difensur ta'l-appellat jikkontendi illi l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dak mistqarr minn Azzopardi lill-espert Joseph Zammit meta xehed tul il-kors ta'l-inkjesta magisterjali li saret in konnessjoni ma' dan is-sinistru u dan billi huwa ma giex debitament imwissi skont il-ligi qabel ma iddepona. Illi ghalbiex l-espert Zammit seta jespleta l-inkarigu lilu moghti huwa inghata l-fakolta mill-Inkwirenti li jisma' x-xhieda bil-gurament. Illi fil-fatt b'kollox huwa sema' x-xhieda ta' Daniel Aquilina, ta'l-appellat Joseph Azzopardi, ta' Ivan De Giovanni u finalment tal-vittma Firuze Firuze. Illi minn ezami ta' dawn id-deposizzjonijiet ghandu jirrizulta illi l-uniku xhud li ma giex moghti twissija kien il-vittma Firuze bl-appellat jixhed sanahsitra fil-presenza tal-avukat tieghu Dr. Victor Bugeja[5]. Illi *ex admissis* allura fil-bidu tax-xhieda tieghu l-appellat jistqarr illi huwa il-General Manager tas-socjeta Valhmor Borg Imports and Export Marsa li allura ma ghandu ihalli l-ebda dubbju dwar il-kariga minnu okkupata fi hdan il-kumpanija u r-responsabbiltajiet tieghu fil-

[5] Ara fol.84 tal-process fejn hemm imnizzel hekk: "Joseph Azzopardi ta' 28 sena bin Carmelo u Carmen nee' Attard imwieled Haz Zabbar u residenti Fish Spots, Triq S. Kepot, Mellieha fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu, wara li giet moghtija lilu s-solita twissija jghid u jixhed u bil-Malti u bil-gurament prezenti l-Avukat tieghu Dr. Victor Bugeja LL.D ighid:"

gestjoni ta'l-istess. Fil-fatt iktar il quddiem fix-xhieda tieghu jistqarr sahasnitra illi l-haddiema jaqghu fir-responsabbiltajiet tieghu.

Illi stabbiliti dawn il-fatti probatorji, allura kienet errata l-Ewwel Qorti meta stqarret illi ma kienx hemm prova fl-atti dwar in-ness bejn s-socjeta Valhmor Borg u l-appellat Joseph Azzopardi u fejn allura tidhol ir-responsabbilta vikarja tieghu fit-termini tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 2 u 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti definizzjoni tal-persuna 'min ihaddem'.

Illi stabbilit ghalhekk illi l-appellat ghandu iwiegeb ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu (billi l-aggravvji tal-Avukat Generali huma limitati ghal dina l-imputazzjoni) jifdal l-aggravvju li jolqot il-mertu tal-kaz u cioe' jekk kienx hemm nuqqas tal-komportament mistenni mill-appellat fil-vesti minnu okkupata ta' General Manager li jara li ma jkun hemm l-ebda riskju ghal haddiema fuq il-post tax-xoghol. Issa jirrizulta illi l-incident mertu tal-kaz sehh meta haddiem li kien qed isuq *forklifter* u cioe' l-ko-akkuzat Daniel Aquilina, rikkeb haddiem iehor fil-gagga li kien hemm installata mal-istess *forklifter* u dan sabiex jistiva xi merkanzija li kienet tinstab fl-gholi. Jidher illi minhabba l-fatt li din il-gagga ma gietx marbuta sew bil-ktajjen installati appozitament sabiex jillokkjaw il-gagga mal-*forklifter*, hekk kif il-haddiem ittella' b'din il-*forklifter* fl-gholi, dan sbilancja ruhu, il-gagga inqalghet minn postha u waqa' ghal isfel sabiex b'hekk sofra korriment fuq il-post tax-xoghol.

Illi minn ezami tal-provi u fuq ammissjoni ta' Aquilina stess, jidher illi dan Aquilina ma hax hsieb jara, qabel ma ittella' Firuze fuq il-*forklifter*, illi il-ktajjen kienu qed jorbtu il-gagga f'postha, kif kien fid-dmir li jaghmel. Aquilina fil-fatt gie misjub hati ghal dan in-nuqqas. L-Avukat Generali, izda jikkontendi illi kien nuqqas ukoll ta'l-appellat fil-kariga minnu okkupat li jara lil il-haddiem ikun ircieva it-tahrig kollu necessarju sabiex jigi zgurat illi dan ikun jaf ihaddem il-*forklifter* sew biex ma ikunx hemm perikolu.

Issa mill-atti jirrizulta illi fuq il-post tax-xoghol gie impjegat Ivan DeGiovanni li ukoll kien ko-akkuzat f'dawn il-proceduri bhala Safety Officer. Jirrizulta ukoll illi il-haddiema kienu ircevew it-tahrig mehtieg sabiex ikunu jistghu juzaw dawn il-*forklifter*s. Il-*forklifter* involuta f'dan is-sinistru gie iccertifikat li kien jiffunzjona tajjeb u ma kellu l-ebda difett mekkaniku, kif giet iccertifikata ukoll il-gagga. Dan kollu jirrizulta mid-Dokumenti JZ13, 14 u 15 esebiti quddiem l-espert Joseph Zammit. Mhux biss izda jirrizulta illi sar *risk assessment* datat 24 ta' Ottubru 2014 ghall-uzu ta' dawn l-ingenji mekkanici. Illi mix-xhieda ta' l-Inginier David Galea, Spettur fi hdan l-Awtorita tas-Sahha u is-Sigurta li kien ghamel spezzjoni fuq dan l-incident u irrelata dwar l-istess johrog illi ghall-Awtorita l-uniku nuqqas fl-agir tal-appellat kien illi fit-tahrig li inghata lil haddiema ma kienx gie identifikat r-riskju meta jittella' bniedem f'certu gholi fuq il-*forklifter* permezz ta' gagga u dan mit-*training material* li gie mghoddi lilu u gie esebit minnu in atti. Jilmenta illi "fil-kaz tat-*training material* innutajt illi fl-ebda post ma kien hemm referenza ghal meta jintuza *fork lift* b'gagga biex titla' x'inhuma l-proceduri, jigifieri milli jidher ma saritx dik il-parti." Jilmenta ukoll illi ghalkemm fir-*risk assessment* li gie maghmul dwar l-operazzjoni tal-gagga kien gie identifikat il-periklu meta jittella' bniedem fiha, madankollu ma kenux saru rakomondazzjonijiet dwar kif ghandha tinqafel din il-gagga. Illi ghalkemm dawn id-dokumenti ma gewx ikkonfermati bil-gurament mill-persuna jew persuni li ghaddewhom lil dan ix-xhud, kif lanqas ma jidher illi Galea kien ta xi twissija lil dawk il-persuni kollha mitkellma minnu fil-kors ta'l-investigazzjoni tieghu, u allura hija mankanti il-valur probatorju tad-dokumenti minnu esebiti, kif gustament jirrimarka id-difensur ta'l-appellat, madankollu din il-Qorti tistqarr illi mill-provi li hemm fl-atti jirrizultaw zewg fatturi determinanti:

A. Illi l-haddiem kien ircieva it-tahrig dwar l-uzu tal-*forklifter* u kien jaf x'kienu dawk il-mizuri li kellu jadopera sabiex jigi zgurat is-sigurta tal-haddiem li jittella fil-gagga. Illi ghalkemm fil-*manual* ma hemmx sezzjoni appozita li titkellem dwar l-uzu tal-*forklifter* bil-gagga meta tittella' persuna fiha, madanakollu fl-ahhar parti ta' dan il-*manual* hemm indikat lil haddiem dak li

m'ghandux isir meta jkun qed juza il-*forklifter*. Fost dawn hemm: "*do not lift a person on the forks unless a safe certified working platform is fitted.*" Ukoll: "*do not carry passengers unless the FLT is designed and equipped to do so.*" Dan ifisser allura illi fit-tahrig li inghata certament gie imfisser lil haddiema dak illi ghandhom jivverifikaw qabel ma tittella' persuna fuq il-*forklifter* u cioe' li jaraw illi jkun hemm gagga appozita li tigi iccertifikata bhala wahda li toffri is-sigurta mehtiega. Din il-gagga tirrizulta illi kienet hemm u li kellha is-*safety features* kollha mehtiega. Kien nuqqas allura tas-sewwieq tal-*forklifter,* u allura ta' Aquilina, illi fid-dawl tat-tahrig lilu moghti naqas milli jadopera dawk is-*safety features* li kien hemm fil-gagga u cioe' li jara li din tkun marbuta sew bil-ktajjen appoziti li kellha installati.

B. Dwar ir-*risk assessment* fuq l-uzu tal-*forklifter* bil-gagga u dan meta titghabba persuna fuqha, jidher li din saret ghalkemm minghajr ir-rakkomandazzjonijiet mehtiega ghal kaz partikolari. Illi r-regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18 jistipula illi: "***Ghandu jkun id-dmir ta' kull min ihaddem u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u ta' persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà ta' persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija ta' l-impriza.***", bis-subinciz 3 ta' dan ir-regolament imbaghad jipprovdi illi: "***Min ihaddem u persuna li tahdem ghal rasha ghandhom jiddeciedu dwar il-mizuri protettivi xierqa ghan-natura tax-xoghol imwettaq li jehtieg li jittiehdu wara evalwazzjonijiet bhal dawn u, jekk ikun necessarju, dwar it-taghmir protettiv li ghandu jintuza.***"

Illi l-evalwazzjoni saret u it-taghmir protettiv u ta' sigurta gie installat fil-*forklifter* biex ghalhekk din kienet toffri is-sigurta kollha ghal utenti ta'l-istess.

Illi allura maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tarax illi hemm raguni li tista' twassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur